MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 236/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Lawrence Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Settembru, 2008, Ottubru 2008 u Novembru 2008, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Valene Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) u18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tikkancella s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni htija w piena, salv dak li din il-Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu :-

1. filli l-kawza ta’ l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati nstemghet minghajr ma l-istess appellant kien ippatrocinat mill-Avukat tal-fiducja tieghu minhabba li dan ta’ l-ahhar Avukat sottoskritt kien impenjat fuq xoghol iehor u ma setax jattendi. Illi ghalhekk l-appellant ma kellux difiza li seta’ ghazel hu bil-konsegwenza illi nstemghet il-kawza bil-Qorti tinnomina Avukat iehor li l-appellant ma ddikjarax li kellu fiducja fih u lanqas iddikjara li kellu bzonn Avukat ta’ l-Ghajnuna Legali. Illi filwaqt li l-appellant jifhem illi l-Qrati jridu jaghmlu gustizzja fi zmien ragjonevoli, fil-kamp penali huwa imperattiv illi l-appellant ikun rapprezentat minn difensur li ghandu fiducja fih ghax fin-nuqqas jista’ jkun hemm konsegwenzi koroh kif fil-fatt gara.

2. illi l-appellant jinsab fl-impossibilita’ li jottempera ruhu ma’ l-ordni tal-Qorti tal-Familja w dan stante li jekk ihallas il-manteniment kif ordnat mill-flus li jircievi ghall-ghajnuna socjali jibqghalu biss €70 fix-xahar ekwivalenti ghal LM30 li certament m’humiex bizzejjed biex jghix bniedem tenut kont tal-ispejjez li kull wiehed u wahda minnha jiffaccja fosthom kontijiet u hlasijiet ta’ self. Fix-xhieda tieghu l-appellant ikkonferma dan kollu bil-gurament. Madanakollu l-Ewwel Qorti sabitu hati w ikkundannatu gimgha detenzjoni. Dan minkejja li l-

appellant kien fl-impossibilita' li jzomm ma' dik l-ordni kif iddecidiet ben tajjeb din il-Qorti, fejn fuq akkuzi u cirkostanzi simili, l-appellant kien illiberat proprju ghax ma setghax jaderixxi ruhu ma l-ordni tal-Qorti stante li ma kienx jahdem u l-flus tas-servizzi socjali ma kienux iservuh.

3. illi l-piena nflitta kienet wahda ezagerata.

Semghet ix-xhieda mill-gdid.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal li bih ezatt qabel ma' l-Qorti giet biex tghaddi ghas-sentenza, l-appellant offra li jhallas lill-martu seduta stante l-ammont ta' €560 biex jaghmel tajjeb ghall-manteniment dovut - hlas li fil-fatt sar ghas-sodisfazzjoni tal-parte civile.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-appellant ma kienx rapprezentat mill-avukat ta' fiducja tieghu quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-prime note tal-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2009 (fol. 4) jirrizulta s-segwenti :-

*"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ispettur Melvin Camilleri ghall-prosekuzzjoni.*
*Deheret il-parte civile assistita minn Dr. C. Galea.*
*Kawza posposta.*
*Aktar tard deher l-imputat mhux assistit.*
*Deheret il-parte civile assistita minn Dr. Claudio Zammit.*
*Il-Qorti tinnomina lil Dr. Martin Fenech sabiex jassisti lill-imputat bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali.*
*Xehedet il-parte civile li ezebit digriet animo ritirandi.*
*Xehed l-imputat.*
*Id-difiza tiddikjara li ghalqet il-provi.*
*Saret it-trattazzjoni.*
*Kawza Deciza".*

Hu ovvju li minn dan il-verbal jidher li l-Ewwel Qorti peress li l-appellant ma kienx assistit mid-difensur tieghu, nnominatlu Avukat iehor, w dan wara li kien sar posponiment tal-kawza.

Illi l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li *"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."*

Illi din il-Qorti diversament preseduta mhux l-ewwel darba li esprimiet ruha kif irid jigi tutelat dan id-dritt. Kif gie deciz fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Bernard Grech**" [23.9.1998]. (per V. De Gaetano J.)
*"…..l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor, jew f' kaz li ma jirmexxilux jinkariga avukat iehor, <u>billi tinnonminalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawza – li wara kollox hi wahda sommarja – dik il-gurnata stess, wara li naturalment , taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza</u>."* (sottolinejar ta' din il-Qorti)

Kif osservat din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Dennis Pace"** [4.7.2002] il-fatt li Qorti tappunta avukat iehor biex jiddefendi lill-akkuzat, anki jekk l-akkuzat ma jkollux pjacir bih jew fiducja fih, ma jammontax lanqas ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Illi f'dan is-sens ukoll huwa l-insenjament tal-Kummissjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn fil-kaz ta' **BIONDO vs. ITALY "** ( No. 8821/79 , 64 DR 5 (1983) Com. Rep.; CM Res DH (89) 30) intqal :
"It notes the existence of a system of legal aid in Italy which the applicant could have used and that he had not used it or shown that he wished to . In these circumstances, he cannot complain in respect of this part

of the proceedings of a violation of Art. 6 para. (3) (c) of the Convention AS HE IS HIMSELF RESPONSIBLE FOR THE CONSEQUENCES OF FAILING

TO EXERCISE A RIGHT.“ (emfasi ta’ din il-Qorti).

(ara. ukoll **X vs. United Kingdom** D & R 21 (1981) P. 126 (130-132), fejn si trattava ta’ kaz fejn l-akkuzat kien gie assenjat avukat tal-ghajnuna legali, imma MINHABBA L-KOMPORTAMENT TAL-ISTESS AKKUZAT, l-avukat tal-ghajnuna legali gie kostrett li jirrinunzja ghal patrocinju w il-Qorti umbaghad irrifjutat li tahtarlu avukat iehor .

Fil-kaz in dizamina, l-Ewwel Qorti proprju innominat avukat iehor kif jaccetta l-istess appellant fir-rikors tal-appell tieghu w ghalhekk setghet tipprocedi regolarment bis-smiegh tal-kawza kif ghamlet.

Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat u qed jigi respint.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jobbjetta li huwa impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment ghax mill-flus li jircevi mill-ghajnuna socjali w cioe’ €90 fil-gimgha jekk ihallas il-manteniment ordnat, jibqalu biss sebghin Ewro fix-xahar.

Issa, kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali . **“Il-Pulizija vs. Anthony Saliba**; [15.7.1998] il-fatt li persuna, per ezempju, tisfa’ bla xoghol - f’ dal-kaz qed jallega li qed jircevi l-ghajnuna socjali - ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista’ jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa’ marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond’ Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim’Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta’ manteniment, din il-

Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja w ir-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla w tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha.

Illi umbaghad apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu fil-periodu in kwistjoni, u di fatti llum proprju "at the l-eleventh hour" ipproduca l-flus biex ihallas l-ammont dovut, kif isostni ANTOLISEI fil-"Manuale di Diritto Penale" (Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989 , p.376.) , l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Kang Se Il"** , [28.7.94] per V. De Gaetano J.; **"Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri"** [18.9.2002] u ohrajn.)

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena, fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda, ammonizzjoni w reprensjoni jew xi provvediment taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju li l-piena erogata hija wahda esagerata, kif gie ritenut, din il-Qorti, bhala Qorti ta'

revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. “**Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999], “**Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn). Certament li l-piena ta’ gimgha detenzjoni taqa’ entro l-parametri tal-ligi fejn fil-massimu taghha tista’ anki tlahhaq sa xaharejn detenzjoni.

Mill-banda l-ohra pero’ ghall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora li l-appellant fil-mori ta’ dan l-appell hallas l-ammont mertu tac-citazzjoni

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F’dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont in kwistjoni w ghalhekk din il-Qorti thoss li, in vista ta’ dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ gimgha detenzjoni w minnflok tikkundannah ghall-ammenda ta’ erbghin Ewro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------